MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-10 ta' Gunju, 2014

Numru. 19/2002

**Il-Pulizija**

**(Spettur Alexandra Farrugia Mamo)**

**vs**

**IAN ZAHRA**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **IAN ZAHRA,** ta’ disgha u tletin (39) sena, iben Austin u Mary Sciortino, imwieled Sliema fid-19 ta’ Ottubru 1962, u residenti Luke, Triq in-Nissieg, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 666462(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer f’dawn l-ahhar snin, u cioe’ fil-perjodu ta’ bejn Jannar 1998 u Dicembru 1999, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’risoluzzjoni wahda:

a. Ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawn l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u cioe’ iffalsifika l-firem ta’ diversi persuni fuq ‘Publishing Order’ tal-gazzetta The People, dokumenti u invoices ohra tas-socjeta’ The People, u aktar talli xjentement ghamel uzu mill-istess atti, skritturi jew kitba falza.

b. B’mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz, jew billi inqeda’ b’qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta’ aktar

minn Lm4,000 bi hsara tal-gazzetta ‘The People’, id-diretturi ta’ ‘The People’ u diversi persuni.

c. Talli approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta’ haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u cioe’ ha flejjes li jammontaw ghal aktar minn Lm4,000, liema somma tappartjeni lill-gazzetta ‘The People’, id-diretturi taghha u persuni ohra, u dan ir-reat sar minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat u l-kunsens tal-Avukat Generali (fol 28).

Rat illi fis-seduta tal-14 ta’ Dicembru 2010 fuq talba tad-difiza, il-Qorti hatret lill-Psikjatra David Cassar biex jevalwa s-sahha mentali tal-imputat.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b’digriet ta’ assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 20 ta’ Mejju, 2014 wara li l-avukat difensur ta’ l-imputat kien talab ir-rikuza tal-Magistrat Dr. Ian Farrugia u dan fis-seduta tal-15 ta’ April 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum ghal nhar id-27 ta’ Mejju 2014 meta l-imputat naqas li jidher u giet esebita riferta pozittiva tieghu u gie kkundannat ihallas multa ta’ mitt ewro

(€100) stante li l-Qorti sabitu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' taghha u iddiferiet il-kawza ghal nhar id-29 ta' Mejju 2014.

Illi nhar id-29 ta' Mejju 2014 deher l-imputat assistit u dehret is-Supretendent Alexandra Farrugia Mamo ghan-nom tal-Prosekuzzjoni li iddikjarat li x-xhud ewlieni taghha u cioe' Josef Buttigieg kien miet fil-mori tal-kawza u li ma kellhiex xhieda ohra xi tressaq in sostenn tal-akkuzi taghha.

Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe' l-**Artikoli 183, 184, 293, 294, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lill-imputat IAN ZAHRA hati tal-akkuzi u tiliberah minn kull imputazzjoni u piena.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------